# Nuċċali intelliġenti ġdid




Nuċċali intelliġenti mhu xejn għajr kompjuter li jista' jintlibes u li permezz tiegħu l-utent jista' jżid l-informazzjoni ma' dik li diġà qed jaċċessa. Nuċċali intelliġenti jbiddel l-lenti skont l-ambjent ta' barra, jieħu r-ritratti u jimpustahom fuq il-midja soċjali. Jista' wkoll jippreżentaw verżjoni adattata tal-iskrin tat-telefown ċellulari li jitħaddem permezz ta' ordnijiet verbali mill-utent. Funzjonijiet oħra huma l-għoti ta' direzzjonijiet f'ħin reali u statistika dwar is-saħħa tiegħek. (par. 1)

Nuċċali intelliġenti għandu l-funzjonijiet li jżid r-realtà (AR) billi jżid saff virtwali bejn it-teknoloġija milbusa u r-realtà tad-dinja tal-utent. F'dan is-saff wieħed jista' jara grafika, immaġni u filmati u jisma' ħsejjes li jitħalltu u jsiru parti minn dak li tassew jeżisti. L-akbar vantaġġ tan-nuċċalijiet intelliġenti huwa li m'għandekx għalfejn taqla' għajnejk minn fuq dak li qed tagħmel biex tara u taċċessa l-informazzjoni li għandek bżonn. (par. 2)

Dawn in-nuċċalijiet ma jitqisux bħala intelliġenti sempliċiment għaliex jipproġettaw l-informazzjoni fuq skrin trasparenti imma għaliex kapaċi jħossu u jiġbru l-informazzjoni mill-ambjent tal-madwar. Din l-informazzjoni mbagħad jippreżentawha infilsata mar-realtà li jkun qed jesperjenza l-utent li jilbishom. (par. 3)

Il-kumpanija Google s'issa ftit li xejn kellha suċċess bil-Google Glasses għaliex dan il-prodott falla fis-swieq internazzjonali għal raġunijiet tekniċi u legali speċjalment minħabba li ħafna sostnew li dan jista' jikser il-privatezza. (par. 4)




Mill-banda l-oħra n-nuċċali Vue li għandu struttura ta' nuċċali normali huwa kapaċi jagħmel l-affarijiet kollha li jagħmel

l-arloġġ Fitbit u anke aktar. Il-kumpanija Vue qalet qed tkompli taħdem biex dan in-nuċċali jkun jista' jieħu r-ritratti, idoqq il-mużika, kif ukoll jieħu ħsieb jagħti jaġġornament dwar l-attività fiżika tal-utent. Simili għall-Fitbit, dan in-nuċċali jopera b'mod sinkronizzat mal-mowbajl permezz tal-*bluetooth.* (par. 5)

Skont l-informazzjoni li żvelat il-kumpanija s'issa, dan in-nuċċali se jkun jaqbel maż-żewġ sistemi prinċipali tal-mowbajls, IOS u Android, kif ukoll se jkollu batterija li sservi għal ġimgħa sħiħa. Din it-teknoloġija għandha bosta benefiċċji speċjalment għal min għandu xi bżonnijiet speċjali bħal pereżempju min hu nieqes mill-vista. Ngħidu aħna l-kumpanija Bose qed taħdem fuq teknoloġija li żżid ir-realtà permezz tal-ħoss. L-apparat kapaċi jgħidlek lejn xiex qed tħares jew ikun kapaċi jissinkronizza mas-sistemi informatiċi tal-lokalità u jgħidlek xħin għandek taqsam it-triq. (par. 6)

Persuni li jkunu fuq safar barra minn pajjiżhom ukoll jistgħu jisfruttaw il-benefiċċji ta' dan in-nuċċali. Permezz tiegħu wieħed ikun jista' jistaqsi għal suġġerimenti ta' postijiet interessanti waqt li jingħataw l-għażliet disponibbli f'dik iż-żona. Jista' wkoll jippreżentalek informazzjoni neċessarja biex int tkun tista' tapprezza aħjar dak li qed tara quddiemek jew jinfurmak b'reċensjonijiet ta' postijiet li tkun qed tikkunsidra li żżur bħal ristoranti, postijiet tad-divertiment u mużewijiet. Jista' wkoll jinfurmak liema ikel huwa adattat għad-dieta tiegħek u liema għandek tevita. (par. 7)

Din it-teknoloġija tista' tintuża wkoll biex ittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-persuni. Waħda mill-funzjonijiet eżistenti hija li tingħata traduzzjoni ta' dak li jkun qed jintqal f'lingwa li jifhem l-utent. Qed ikunu żviluppati programmi li jgħinuk tiddetermina permezz ta' nuċċali intelliġenti jekk ma' min qed titkellem hux qed jgħid il-verità jew jigdeb, iħossu komdu jitkellem miegħek jew hux kuntent li ltaqa' miegħek. (par. 8)

B'piż ta' 28 gramma biss, dan in-nuċċali se tkun tista' tordnah ukoll b'riċetta tal-vista personali, jiġifieri se tkun tista' tilbsu biex tużah ta' kuljum. (par.9)

**(Addatament ta' Leon Xuereb - 18/06/17)**

**A. Preparazzjoni Remota għal din il-lezzjoni marbuta mal-ħiliet tat-taħdit u l-qari.**

L-istudenti jistgħu jintalbu jfittxu minn qabel din il-lezzjoni dwar l-aktar żviluppi riċenti u aħbarijiet teknoloġiċi. Imbagħad waqt il-lezzjoni, wara li jkunu qasmu ma' sħabhom it-tagħrif li saru jafu jiddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li din it-teknoloġija qed iġġib fil-ħajja tagħna. Hawn l-għalliem għandu jfittex li jislet mingħand l-istudenti ideat u raġunar relatat b'mod dirett mat-teknoloġija li jkunu semmew l-istudenti.

**B. Wieġeb**

***Irrispondi fi kliemek dawn il-mistoqsijiet.***

1. Kif inhu deskritt skont l-ewwel paragrafu n-nuċċali intelliġenti?

______________________________________________

______________________________________________

2. X'vantaġġ prattiku fih nuċċali intelliġenti fuq nuċċalijiet oħra tradizzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-vista?

______________________________________________

______________________________________________

3. Kif jirnexxilu jżid mar-realtà li jesperjenza l-utent nuċċali intelliġenti?

______________________________________________

______________________________________________

4. Skont it-2 paragrafu x'inhu l-akbar vantaġġ ta' nuċċali intelliġenti fuq il-prodotti teknoloġiċi l-oħra li hawn fis-suq?

______________________________________________

______________________________________________

5. Skont it-3 paragrafu liema funzjoni tikkwalifika lil dawn in-nuċċalijiet bħala intelliġenti? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

6. X'kien l-akar tħassib tal-konsumaturi dwar il-Google Glasses u li wassal biex dan in-nuċċali jfalli fis-swieq?

_______________

_______________

7. Semmi tliet funzjonijiet li kapaċi jwettaq in-nuċċali intelliġenti Vue.

_______________

_______________

8. X'żewġ vantaġġi jisgħu jgawdu persuni bi bżonnijiet speċjali min-nuċċalijiet intelliġenti?

_______________

_______________

9. Semmi żewġ vantaġġi li għandu n-nuċċali intelliġenti għal min ikun imsiefer?

_______________

_______________

10. B'liema mod nuċċali jista' jgħin biex żewġ persuni jiftiehmu aħjar?

_______________

_______________

**Ċ. Mis-silta sib 5 kelmiet jew frażijiet li jagħmlu parti mir-reġistru teknoloġiku jiġifieri vokabolarju li jintuża fil-kuntest tat-teknoloġija u l-informatika.**

1. _______________
2. _______________
3. _______________
4. _______________
5. _______________

## D. Kitba

Uża dan il-vokabolarju u ieħor relatat mad-dinja tal-kompjuters, it-teknoloġija u l-informatika biex toħloq djalogu fuq wieħed minn dawn it-titli:

1. Immaġina li għandek bżonn tixtri apparat teknoloġiku, ikteb djalogu bejnek u bejn il-bejjiegħ waqt li inti qed tara, tagħżel u tixtri dan l-apparat.

**jew**

2. Immaġina li żewġ oġġetti teknoloġiċi (eż. kamera diġitali u laptop, jew arloġġ intelliġenti u kontrollur tad-djar intelliġenti (smart home controller) eċċ. Itaqgħu u qed jiddiskutu x'kapaċi jagħmlu u min huwa tal-akbar użu għall-bnedmin.

## E. Smigħ u Taħdit

### Il-mużika u t-teknoloġija




Isma' d-diska **Can we auto-correct Humanity?** ta' Prince Ae b'messaġġ dwar l-effett tat-teknoloġija f'ħajjitna. (https://youtu.be/dRl8EIhrQjQ)

| | |
|---|---|
| Did you know the average person spends 4 years of his life looking down at his cell phone?<br>Kind of ironic, ain't it?<br>How these touch-screens can make us lose touch.<br>But it's no wonder in a world filled with iMac's, iPads and iPhones.<br>So many "i"'s, so many selfies, not enough "us"'s and "we"'s<br>See, technology<br>Has made us more selfish and separate than ever<br>Cause while it claims to connect us, | Kont taf li persuna tqatta' 4 snin minn ħajjitha tħares lejn it-telefown ċellulari tagħha?<br>Ironiku, hux?<br>Kif dawn it-touch-screens jistgħu jtellfuna l-kuntatt.<br>Iżda mhix sorpriża f'dinja mimlija bl-iMac, l-iPads u l-iPhones.<br>Tant "i"jiet, daqstant selfies, mhux biżżejjed "aħna"<br>Qed tara, it-teknoloġija<br>Għamlitna aktar egoisti u sseparati minn qatt qabel<br>Għaliex filwaqt li tippretendi li |

| | |
|---|---|
| connection has gotten no better. | tgħaqqadna, il-konnessjonijiet ma |
| | marrux għall-aħjar. |
| And let me must express first | U ħallini nesprimi l-ewwel nett |
| Mr. Zuckerberg, not to be rude but you | Mr Zuckerberg, mhux biex inkun pastaż, |
| should re-classify Facebook to what it is: | imma inti għandek tikklassifika mill-ġdid |
| An anti-social network | lill-Facebook għal dak li tassew hu: |
| Cause while we may have big friend lists, | Qafas/Netwerk antisoċjali, |
| | Għaliex waqt li jista' jkollna listi twal ta' |
| So many of us are friendless | ħbieb, |
| All alone | Ħafna minna m'għandhomx ħbieb, |
| Cause friendships are more broken than | weħidhom |
| the screens on our very phones | Għaliex ħafna ħbiberiji huma mkissra |
| | aktar mill-iskrins tal-istess telefowns |
| We sit at home on our computers | |
| measuring self-worth by numbers of | Aħna noqogħdu bilqiegħda d-dar |
| followers and likes, | quddiem il-kompjuters tagħna nkejlu |
| | l-valur tagħna nfusna skont in-numru ta' |
| Ignoring those who actually love us | segwaċi u likes. |
| | Waqt li ninjoraw lil dawk li tassew |
| It seems we'd rather write | iħobbuna |
| An angry post than talk to someone who | Bħal qisu nippreferu niktbu |
| might actually hug us | Post rrabjat milli nitkellmu ma' xi ħadd li |
| Am I bugging? You tell me | fil-fatt jista' jgħannaqna. |
| Cause I asked a friend the other day, | Qiegħed indejjaqkom? Għiduli |
| "Let's meet up face to face." | Għax xi jiem ilu tlabt lil ħabib |
| And said, "Alright. What time you wanna | "Ejja niltaqgħu wiċċ imb wiċċ." |
| Skype?" | U qal, "Tajjeb, xħin trid niskajpjaw?" |
| I responded with omg, srs, and then a | |
| bunch of smh's | Irrispondejt b'omg, srs, u mbagħad |
| And realized what about me? | b'qabda smh's |
| Do I not have the patience to have | U jien? |
| conversation without abbreviation? | Għandi l-paċenzja li jkolli konverżazzjoni |
| This is the generation of media over | mingħajr taqsir/abrevjazzjonijiet? |
| stimulation | Din hija l-ġenerazzjoni bi stimulazzjoni |
| Chats have been reduced to snaps | żejda tal-midja |
| The news is 140 characters | Iċ-Chats ġew ridotti għal snaps |
| Videos are 6 seconds at high speed | L-aħbar hija ta' 140 karattru |
| | Il-filmati huma 6 sekondi b'veloċità |
| And you wonder why ADD is on the rise | għolja |
| faster than 4G LTE | U int tistagħġeb għalfejn l-ADD qiegħed |
| But, get a load of this | jiżdied aktar malajr minn 4G LTE |
| | Iżda, informa ruħek sew |
| Studies show the attention span of the | |
| average adult today | L-istudji juru li l-attenzjoni ta' |
| Is one second lower than that of a gold | adult llum |
| fish | Hija sekonda anqas minn dik ta' *gold* |
| | *fish.* |

| | |
|---|---|
| So if, you're one of the few people or aquatic animals that have yet to click off or close this video, congratulations | Mela jekk int wieħed mill-ftit nies jew annimali tal-ilma li għad iridu jieqfu jikklikkjaw jew jagħlqu dan il-filmat, nawguralek |
| Let me finish by saying you do have a choice, yes | Ħalli nispiċċa billi ngħid li għandek għażla, iva |
| But this one, my friends we cannot Auto-Correct - we must do it ourselves | Imma din ħbieb tiegħi mhix xi ħaġa li titranġa awtomatikament - irridu nirranġawha aħna. |
| Take control or be controlled, | Nieħdu l-kontroll jew niġu kkontrollati |
| Make a decision | Irridu nieħdu deċiżjoni |
| Me? | Jien? |
| No longer do I want to spoil a precious moment by recording it with a phone | Ma rridx li nħassar mument prezzjuż billi nirrekordjaha bit-telefon |
| I'm just gonna keep them | Irrid biss li nżommhom |
| I don't wanna take a picture of all my meals anymore - I'm just gonna eat them | Ma rridx nieħu aktar ritratt tal-ikliet kollha tiegħi - irrid biss li nikolhom |
| I don't want the new app, the new software, or the new update | Ma rridx l-app il-ġdid, is-software il-ġdid, jew l-aġġornament il-ġdid |
| And if I wanna post an old photo, who says I have to wait until Thursday | U jekk irrid nippowstja/ninposta ritratt qadim, min qal li rrid nistenna sal-Ħamis |
| I'm so tired of performing in the pageantry of vanity | Inħossni għajjien li jkolli nirreċta fid-dramm tal-vanità |
| And conforming to this accepted form of digital insanity | U li nikkonforma ma' din il-forma aċċettata ta' ġenn diġitali |
| Call me crazy but, I imagine a world where we smile when we have low batteries | Sejħuli miġnun imma, nimmaġina dinja fejn aħna nitbissmu meta jkollna batteriji baxxi |
| Cause that will mean we'll be one bar closer - to humanity | Għaliex dan ifisser li nkunu ċangatura eqreb - ta'/lejn l-umanità |

## F. Iddiskuti

⇒ Taqbel ma' dak li qed jintqal f'din id-diska u mal-messaġġ ċar tagħha?

⇒ Semmi xi aspetti negattivi li titkellem dwarhom din id-diska.

⇒ Uri kif it-teknoloġija qiegħda tbiddlilna ħajjitna tort tal-fatt li qed nitilfu l-kontroll tal-użu tagħha u b'hekk insiru dipendenti fuqha.

⇒ X'qed tissuġġerilna lejn it-tmiem tagħha din id-diska?

⇒ X'bilanċ taħseb li għandu jkun hemm bejn l-użu tat-teknoloġija u l-ħelsien tal-bniedem mit-teknoloġija?